# 23. It-Tfajla tat-Tut

Marì tfajla tar-raħal
bl-inħasa
fuq rasha
għaddejja tbiegħ it-tut;
'mma l-isbaħ żewġ tutiet
li għandha huma l-ħabbiet
t'għajnejha sewdenin
ileqqu fuq ħaddejha samranin!

Min jaqta' t-tut
jimtela' bit-tebgħat
ħomor,
demmin.
tal-meraq bnin;
u l-qawl igħid li t-tut,
bħal ma jagħmillek barra,
jagħmillek ġewwa:
kull tuta tagħmillek qatra demm.
Xi ħlewwa!
Marì, Marì!
id-dammi t'għajnejk
suwed, tutin,
ġejjin mit-tut?
u l-leqqa sewdiena ta' xuxtek
ġejja mit-tut?
u l-għaxqa li tmewweġ
ma' ġismek fin
li tifni l-qalb ta' min
iħares lejha
ġejja
mill-meraq sewdieni
li jġelben hieni
fiz-zkuk u l-friegħi tat-tut?

Kmieni, kmieni,
kull fil-għodu, mat-tbexbix,
ġibilna fis
iż-żinġla bit-tut
li taqta' mis-siġra

li togħla sal-bjut
tad-dwejra tiegħek;
ġibilna l-għajnejk
ġibilna lil xuxtek,
ġibilna l-ħaddejk
li ħarġu mis-siġra tat-tut
li togħla sal-bjut,
fit-toroq beltija,
marradija,
ġibilna fuq xagħrek
is-saħħa,
il-benna li tikber ħdejn darek!